KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 42 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35pm | 10.20pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.25pm | 10.20pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.38pm | 10.20pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.39pm | 10.20pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | reported | sick |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.37pm | 10.20pm |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.45pm | 10.20pm |
| Kunsillier James Cassar | 9.03pm (council informed before) | 10.20pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35pm | 10.20pm |
| Kunsillier David Meilak | Skużat | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa. Il-Perit Etienne Magri kien ukoll preżenti għal-*item* 5.0 tal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 41- 27 ta' Novembru 2014**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 41 li saret fis-27 ta' Novembru 2014 kienu intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament wara li ġie irranġat żball fil-ħin tal-attendenza tal-Kunsilliera David Meilak u Marthese Mifsud. Dan issa ġie jaqra 10.15pm minflok 10.55pm

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

2.01 Dwar Pjazza Oratorju fi Triq it-Torri, il-Perit Etienne Magri ġie nformat li fil-pjan ta' mmaniġġjar tat-traffiku għandu jara li Triq il-Barrieri issir one-way u li għandu jieħu nkonsiderazzjoni li Triq il-Kungress Ewkaristiku hija wkoll one-way il-barra miċ-ċentru tal-Mosta. Huwa ntalab wkoll jieħu ħsieb li jdaħħal kemm jista jkun postijiet għal-ipparkjar tal-vetturi.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

2.02 Dwar Item 8.04 – Ta'Bistra – Is-Sindku Dot. Shirley Farrugia nformat li saret laqgħa mas-Sur David Cardona li ser jieħu post is-Sinjura Susannah Depasquale. Ġie miftiehem li d-data tal-inawgurazjoni tal-proġett issir fil- 20 ta' Frar 2015. Is-Sur Cardona qed jaħdem fuq l-"*interpretation*" tal-katakombi sabiex dan ikun jista jibda jilqa l-viżitaturi.

Dwar il-proġett is-Sindku fakkret li kienu saru xi nuqqasijiet fir-returns lill Managing Authority. Dawn ir-returns ħa jerġgħu jintbagħtu bl-iskop li jiġu rkuprati il-flus kollha tal-proġett. Is-Sur George Cassar għandu jara li ssir talba mill-ġdid bil-għajnuna tas-Sur Glen Farrugia u s-Sinjura Depasquale li għadha tinsab indisposta.

## 5.00 Deċizjoni ta' Għoti ta' Tender KLM 04/2014 – Tender for the Supply and Installation of Playground Equipment and Safety Flooring in Ġnien Sta Margerita, Mosta.

F'dan l-istadju sar qbil unanimu li tiġi diskussa Item 5 tal-Agenda – Deċiżjoni dwar l-għoti ta' Tender MLC 04/2014 li jikkonsisti f'installar ta' Playing Equipment ġdid u Soft Flooring fiż-żona ta' Santa Margerita. Ġie approvat li l-Perit Etienne Magri ġie mistieden jipparteċipa fil-laqgħa.

Il-Perit Magri spjega li wara li ġew analizzati l-offerti bir-reqqa, huwa kien qiegħed jirrakkomanda li t-tender jinqasam bejn żewġ kuntratturi li għamlu l-offerta u b'hekk jiġi mgħażul l-aħjar apparat u l-aħjar *soft-flooring*. Huwa qal li wara li kien iltaqa l-kumitat tal-aġġudikazjoni huwa kien ġie mitlub jerġa janalizza sew jekk l-offerti kienux koperti b'ċertifikati ta kwalita u garanziji kif kien mitlub fid-dokument tat-tender. Il-Kumitat ma ħax deċiżjoni iżda talab lil-perit sabiex jippreżenta d-dettalji tal-offerti u r-rakkomandazzjoniet tiegħu direttament lil-Kunsill waqt il-Laqgħa tal-Kunsill u jkun il-Kunsill li jieħu d-deċiżjoni finali.

Il-Perit ippreżenta dokumenti bid-dettalji tal-offerti. Huwa kien qed jirrakkomanda li Projekte Ltd. jingħataw il-parti tat-tender għas-safety flooring bis-sistema ta' Wet Pour EPDM, filwaqt li Alhag Ltd. Jingħataw l-parti tat-tender għal-provista u nstallar ta' apparat tal-playing field. Huwa qal li dawn iż-żewġ kuntratturi kienu qed joffru l-aħjar materjal u għandhom l-esperjenza meħtiega sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Ix-xogħol ta' civil-works għandu jsir mill-kuntrattur Adam Bugeja li għandu diġa tender mal-kunsill għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk il-kunsilliera kienux qed jagħżlu l-orħos offerta teknikament skond il-kwalifiki mitluba. Il-Perit wieġeb li ma kienux l-orħos iżda l-uniċi kuntratturi * Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li t-Tender jingħata kif irrakkomandat mill-perit jiġifieri: (a) Alhag għal-provista u stallazzjoni ta' apparat tal-playground għas-somma ta' Ewro 47,090.26 u (b) Projekte Ltd għal-provista u stallazjoni ta Wet-Poured Soft Flooring EPDM għas-somma ta' Ewro 5,014.--.

Il-Perit Magri rtira mill-laqgħa.

## 3.00 Materji Finanzjarji

* bl-aqwa esperjenza ta' kif mitluba mit-Tender u l-kuntrattur Al-Hag kien l-uniku wieħed li ta' lil-kunsill 10 snin garanzija.

### a) Lista ta Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru 31 għall-ammont ta €62,197.64 kif ippreżentata. Lista annessi ma dawn il-minuti.

**(b) Lista tal-Works Orders**

Il-lista tal-works orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**c) Lista ta Purchase Orders**

Il-lista tal-purchase works orders ġiet approvata unanimament kif ippreżentata. Lista annessa ma dawn il-minuti.

**d) Lista ta Depożiti**

Ġiet approvata unanimament il-lista ta' depożiti. Lista annessa ma dawn il-minuti kif ippreżentata.

**e) Performance Bonus – Staff & Acting Executive Secretary**

S-Sindku talbet li jiġi deċiż il-performance bonus għas-sena 2014 għall-impjegati tal-Kunsill ; Is-Sinjura Nadia Micallef Camilleri, s-Sur Chris Camilleri, s-Sinjura Lorraine Zammit Tabone , s-Sinjorina Rita Galea, s-Sinjura Candice Zarb , s-Sinjorina Liliana Borg, kif ukoll għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur John J. Camilleri. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li jingħata l-massimu ta ' 6% lill-impjegati u l-massimu ta 10% lill Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku ġiet awtorizzata tibgħat appraisal report tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

**f) Remuneration of Councillors**

Il-Kunsill iddiskuta r-remunerazzjoni pagabbli lill-Kunsilliera għall-perjodu ta bejn 1 ta' Lulju u l-aħħar ta Diċembru 2014. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' attendenza u ġie deċiż unanimament li skont ma titlob l-liġi dawk l-kunsilliera li fallew milli jattendu għal-laqgħat mingħajr spjegazzjoni bil-miktub tintnaqqasilhom ir-remunerazzjoni pro-rata.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista Nru:38 ta' 3 items ta' korrispondenza. Id-deċizjoni dwar din il- korrispondenza tinstab annessa ma' dawn il-minuti.

4.01 Dwar korrispondenza Nru:2 – Memo 30/2014- Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa – Il-Kunsilliera intalbu jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom dwar proġetti li jixtiequ li jsiru fid-diversi żoni pubbliċi fil-Mosta li għadhom miftuħa sabiex il-Kunsill jibgħat r-risposta meħtieġ lid-Dipartiment tal-Kunsilli. Għal dan il-għan kull kunsillier kien ser tintbagħtlu pjanta biż-żona li huwa kien qed jiġi nkarigat li jispezjona u jibgħat is-suġġerimenti tiegħu dwar x'għandu jsir fil-partijiet pubbliċi u miftuħa ta' dik iż-żona.

4.02 Dwar korrispondenza Nru:3 – MEPA PC 0024/14 – Change in building alignment at site ta' Mlit Shop No:1 Triq id-Dawr u petizzjoni mir-residenti dwar dan is-suġġett.

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia spjegat li l-Kunsill kien qed jiġi mitlub japprova tibdil tal-'*alignment*' tal-linja tal-bini. Dan prattikament kien ifisser li jekk jinbidel l-'*alignment*' żvilupp jista jsir f'dan is-sit .

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li kien hemm petizzjoni ta madwar erba mitt firma ta' residenti li kien jaqblu li jsir dan it-tkabbir tal-ħanut tal-merċa u din ma għandiex tiġi injorata. Huwa qal li din il-petizzjoni kienet ippreżentata qabel iżda ma ġietx imtella fil-laqgħa tal-Kunsill meta ġiet diskussa l-ewwel proposta. Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv ċaħdu li din l-petizzjoni kienet waslet għand il-Kunsill qabel is-17 ta' Diċembru u talbu lis-Sur Muscat jgħid lil min wassallu din l-informazzjoni sabiex jipprova dak li kien qed jallega billi jindika lil liema impjegat tal-Kunsill huwa kien għadda din l-petizzjoni.

Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiz li għandu jitħalla spazju pubbliku li kien qed jintuża għal-skop ta' serħan ta residenti u b'mod partikulari ta' l-istess anzjani li jagħmlu użu miċ-ċentru tal-anzjani li hemm f'dik l-istess żona.

## 5.00 Decision of Tender

### a) KLM 04/2014 - Tender for the Supply and Installation of Playingfield Equipment and Safety Flooring in Ġnien Sta Margerita Mosta

Dan l-item gie diskuss aktar qabel f'din il-Laqgħa tal-Kunsill.

## 6.00 Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra x'jiġu diskussi u l-Laqgħa spiċċat fil 10.20 p.m.

## 7.00 Aġġornament

Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 29 ta' Jannar, 2015.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv